XEWKIJA

**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA B'URGENZA NUMRU 22**
***2 ta' Settembru 2014 fl-4:00p.m.***

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-4:00 p.m.

**<u>Preżenti:</u>**

Sur Paul Azzopardi Sindku

Sur Domenic Zerafa Kunsillier

Sinjura Jeanelle Attard Kunsilliera

Sur George Zammit Kunsillier

**<u>Skuzata</u>**

Sinjura Dr. Monica Vella Vici-Sindku

**<u>Uffiċjali:</u>**

Sinjura Sue-Ellen Bugeja Segretarju Eżekuttiv

Intqgħalet it-Talba

1. **<u>Offerti Bini ta' Latrina fi Gnien ta' Blankas.</u>**

   Kien hemm prezenti l-Perit Saliba li hu l-perit tal-kuntratti taħt il-M313. Il-Perit iddikjara li hu mhux ser jibqa' l-perit fuq il-progett tal-Latrina fil-Gnien ta' Blankas. Il-Perit qal lil kunsill biex jaħtar perit ieħor u issir applikazzjoni ta' 'change of architect'. Il-kunsilliera qablu li issir din l-applikazzjoni ta' 'change of architect'. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard gibdet l-attenzjoni li hi ma taqbilx li tinbeda l-progett tal-latrina peress li baqa xahar biss zmien u tibza li ma titlestix fiz-zmien. Il-Kunsilliera l-oħra qablu li din għandha tinbeda malajr biex titlesta sa l-aħħar ta' Settembru. Saru kuntatti ma' diversi periti dak il-ħin izda l-unika perit li setgħa jkun prezenti għal laqgħa kien il-Perit Stellini. Il-Perit Stellini accetta li jkun

il-Perit fuq il-Progett tal-latrina fi Gnien ta' Blankas u l-kunsill qabel ukoll li jkun hu l-Perit. Il-Kunsill qabel ukoll li jkun prezenti l-persuna li ser tkun responsabbli mix-xogħolijiet. Is-Segretarja għamlet kuntatt dak il-ħin mas-Sur Jeffrey Farrugia. Jeffrey Farrugia gie għall-laqgħa ukoll. Il-Kunsill għazel din l-offerta u talab lil Perit biex jara li l-BOQ huma prezzijiet tas-suq qabel jinbeda ix-xogħol. Il-Perit ser jagħmel dan ir-rapport. Il-Kunsilliera prezenti qablu li jintalab parir legali mingħand avukat li hu f'dan il-qasam peress li hemm issues li jridu jigu solvuti qabel jibda l-process tal-pagamenti biex ma jintilfux l-fondi. Kien hemm qbil ukoll mill-kunsilliera prezenti li Michelle Vella li taħdem fuq dawn il-linji tgħin peress li hemm diffikultajiet li jridu jigu solvuti urgenti.

## 2. Affarijiet Oħra

Il-Kunsilliera prezenti tkellmu ukoll ma' Jeffrey Farrugia rigward il-Kuntratt tal-Knis. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard gibdet l-attenzjoni fuq il-ħaxix li hemm xi toroq li ma tneħiex għadu l-ħaxix. Jeffrey Farrugia qal li joħorgu darbtejn fil gimgħa u li l-ħaxix jikber malajr, hu kompla jgħid li ser jagħmel mill-aħjar li jista' biex jirranga s-sitwazzjoni. Il-Kunsilliera prezenti qablu li għandu jerggħa jigi imgedded il-kuntratt tal-knis.

## 3. Tmiem il-Laqgħa

Il-Laqgħa giet aggornata fis-6:30 p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Paul Azzopardi |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |